

# *Grupp ta' Talb MSSP*

**Mhux l-ewwel darba li fil-lista ta' kif tistgħu tgħinuna semmejtilkom it-talb. Għal dan il-għan waqqafna GRUPP TA'TALB MSSP. Dan qed nagħmluh għax it-talb għandu qawwa kbira quddiem Alla.**

**Biex nitolbu:**

Għall-qdusija tal-membri tas-Soċjetà
Għall-vokazzjonijiet ġodda fi ħdan is-Soċjetà
Halli meta irid il-Mulej naraw lil Fundatur Il-Qaddej t'Alla Mons Ġ. De Piro fuq l-artali.

**Min ikun membru ta' dan il-grupp:**

- Jieħu sehem fil-quddies, talb, sagrifiċċji, xogħol u suffraġi, fil-ħajja u wara l-mewt, li jsiru mill-membri kollha tas-Soċjetà.
- Ikun mitlub joffri kuljum, il-quddiesa, t-tqarbina, r-rużarju u jgħid t-talba speċjali tal-"Grupp ta' Talb MSSP"

Min jixtieq ikun membru ta' dan il-grupp jinfurmana u nibgħatlu d-diploma ta' Sħubija.

## Agħmilni Bħalek






**Għal darb'oħra għandna CD ġdida ta' Fr Karm Debattista mssp. Dan hu fil-fatt is-seba' cd tiegħu. Bħad-drabi l-oħra insibu 12-il għanja f'dan l-album iżda din id-darba għandna għanjiet li huma marbuta ma' l-ispiritwalità tal-Fundatur tagħna, Mons. Ġużeppi De Piro.**

**Il-fundatur kien iħobb jenfasizza fuq il-bżonn li ninbidlu u nsiru nixbhu lil Kristu. F'dan l-album insibu għanjiet b'titli bħal Imla' 'l Qalbi, Fi Kristu Biss, Ibdilni Mulej u t-titlu tas-CD innifsu Agħmilni Bħalek, li kollha jittrattaw dwar dan il-ħsieb. Insibu ukoll l-għanjiet li Fr Karm kiteb fl-okkażjoni ta' l-ordinazzjoni ta' l-arċisqof. Br. Bernard Falzon u Br. Clinton Farrugia kellhom sehem importanti ħafna fil-ħruġ ta' dan l-album.**

**Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl | Sant'Agata, Rabat, Malta RBT 07 Tel: 2145 4503 | Stella Maris, Żebbuġ, Gozo Tel: 2155 1159**

NEWSPAPER POST
LULJU-AWISSU 2007 | GĦADD 417
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP



# aħna *lilkom*

Ħolqa bejn il-ħbieb

## *Veru ġew in-nies!*

Anna Maria Mizzi
PR Executive ta'Ohloq Tbissima

**Il-Maratona Ohloq Tbissima ġiet organiżżata għall-ħames darba bejn it-13 u l-15 ta' Lulju 2007.**

L-għan prinċipali ta' din il-Maratona hu li jinġabru fondi biex tkompli titwettaq il-ħidma tas-Soċjetà tagħna fil-Perù, fil-Filippini u anke hawn Malta f'Dar San Ġużepp u għax-xandir tal-Kelma. Għan ieħor wara din il-Maratona hu li permezz ta' 60 siegħa xandir live titqajjem kuxjenza missjunarja.

Matul iż-żjara tiegħu fil-Peru, Fr. Louis Mallia mssp, flimkien ma' Angele Borg, ġabru footage biex ikun jista' jintwera waqt il-Maratona. Saru wkoll diversi ntervisti mal-patrijiet tagħna fil-Peru, fejn huma spjegaw ix-xogħol li qed iwettqu, kif ukoll urew il-ħidma li kienet possibli s'issa, permezz ta' fondi li nġabru mill-Maratoni tas-snin li għaddew, kif ukoll minn ġbir ieħor li jsir miċ-CAM.

Fil-Peru ser tkompli tingħata għajnuna fl-orfanatrofju Aldea Sagrada Familia, fejn jgħixu madwar 60 tifel u tifla ta' età li tvarja mit-twelid sa adoloxxenti. Ser jintbagħtu wkoll fondi fil-Klinika li għandna fi Primero di Junio, fejn tingħata l-kura meħtieġa permezz ta' tobba, nfermiera u anke dentist. Proġett ieħor li għaddej fil-Peru hu programm fejn jinbnew djar żgħar għall-familji fil-bżonn. Ser jitkomplew ukoll diversi programmi ta' l-ikel fejn persuni fqar jingħataw ikla sustanzjuża, kif ukoll ser tingħata għajnuna lill-Kulleġġ Fra. Ġużepp Caruana - li huwa kulleġġ li joffri Edukazzjoni Sekondarja.

Fil-Pakistan, ser tkompli tingħata għajnuna lil 3 skejjel li għandna fi ħsiebna, fejn fihom b'kollox jattendu madwar 1000 student u studenta. Ser jintbagħtu wkoll flus fil-Missjoni tagħna fil-Filippini, biex ikun jista' jitkompla l-programm ta' ikel fi 3 skejjel, fejn jiġi żgurat li l-istudenti jingħataw ikla sustanzjuża kuljum.

F'Malta ser tingħata għajnuna lil Dar San Ġużepp, kif ukoll għall-ħidma li titwettaq miċ-CAM u CPi għall-Evanġelizzazzjoni.

B'kollox iċ-ċifra li nġabret din is-sena laħqet is-somma sabiħa ta' Lm103,889 (€241,996.27).

Dan żgur li ma kienx ikun possibli kieku mhux għall-għajnuna ta' tant benefatturi u volontiera li għandhom għal qalbhom is-Soċjetà tagħna u li jixtiequ li huma wkoll jagħtuna daqqa t'id f'id-diversi Missjonijiet li qed inwettqu, kemm billi taw ħinhom u l-enerġija tagħhom fl-organiżżazzjoni u fil-jiem tal-Maratona, kif ukoll tant nies li taw il-kontribuzzjoni tagħhom mingħajr ma stennew xejn lura.

Grazzi mill-qalb lil kull min b'xi mod jew ieħor ta sehmu biex għal sena oħra din il-Maratona kienet suċċess.










# *Kapitli Reġjonali* u Ħatra tal-Vigarji

## Fil-Peru, Malta u l-Awstralja

Bħal ma jsir fi ħdan Kongregazzjonijiet oħra aħna, l-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, minn żmien għal żmien, nieqfu ftit sabiex nitolbu u nirriflettu fuq dak li nkunu għaddejjin minnu bħala Socjetà. Dan ikun żmien il-Kapitlu, li jista' jsir fuq bażi ta' Soċjetà sħiħa jew fuq bażi ta' reġjun partikulari.

Wara l-preparazzjoni li tkun ilha li bdiet minn ftit sew ta' żmien qabel, tibda' iċ-ċelebrazzjoni propja tal-Kapitlu. Din is-sena kien imiss li jsiru żewġ Kapitli reġjonali fil-Perù u f'Malta. F'dawn il-Kapitli ġew magħżula il-"Leadership team", għat-tliet snin li ġejjin.

### Il-Perù

Fil-Kapitlu Reġjonali li sar f'April f'Arequipa, il-Perù, għażlu bħala suġġett ta' talb u diskussjoni: "Ewkaristija - għajn ta' missjoni fil-komunjoni". Matul il-Kapitlu, li fih irrenjat atmosfera ta' komunjoni u fraternità, iddiskutew wkoll il-preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju tas-Soċjetà fl-2010. Il-Kapitlu sar waqt iż-żjara kanonika li kien qiegħed jagħmel is-Superjur Ġenerali Fr. Bernard Mangion f'dan il-pajjiż. Miegħu għal din il-vista kellu lill-Fr. James Bonello, Segretarju Ġenerali. Fl-aħħar tal-Kapitlu ġie magħżul il-"Leadership Team". Fr. Victor Livori kien maħtur Superjur Reġjonali għat-tielet term. Miegħu bħala Kunsilliera ġew eletti Fr. Victor Zammit, Fr. Giovanni Cefai, u Fr. Reginio Bolivar.







### Malta

F'Malta wkoll, ġewwa Sant'Agata, ġie ċċelebrat il-Kapitlu Reġjonal. Għal dan l-avveniment, ġie mistieden bħala "facilitator" Bro. John D'Cruz FSC. Wara diversi laqgħat ta' preparazzjon li fihom ġew magħżula s-suġġetti li ser jiġu diskussi, beda l-Kapitlu mill-25 sat-28 ta' Ġunju. Is-suġġett prinċipali li fuqu mexa dan il-Kapitlu kien "Lejn mitt sena ta' Fedeltà". Fl-aħħar ġurnata saret l-konsultazzjoni għal-"leadership team" il-ġdid għal dawn it-tliet snin li ġejjin. Fr. Louis Mallia ġie magħżul bħala il-Vigarju Reġjonali, u bħala kunsillieri għandu lil Fr. Martin Cila, Fr. Tony Sciberras, u Fr. Frankie Cini.

Fid-diskors ta' l-aħħar Fr. Louis saħaq fuq il-bżonn li l-membri kollha f'Malta jħarsu l'quddiem b'entużjażmu u jaħdmu flimkien, speċjalment lejliet iċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-100 sena tat-twaqqif tas-Soċjetà fl-2010.



### L-Awstralja

Fl-okkazzjoni tal-Vista Kanonika, l-membri tagħna fl-Awstralja għazlu wkoll l-"leadership team". Fr. Noel Bianco ġie magħżul bħala l-Vigarju Reġjonali, waqt li Fr. Ivano Burdian, Fr. Mario Zammi u Fr. John Taliana inħatru bħala l-Kunsilliera għal dan ir-reġjun tas-Soċjetà. Nifirħulhom, nawgurawlhom u nitolbu għalihom.






